Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' April 2022
(OR. en)

7618/22

CDR 41

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar żewġ membri u ħames membri supplenti, proposti mir-Repubblika Portugiża, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz tal-ittri tal-4 ta’ Frar 2021, u tad-19 u l-20 ta’ Ottubru 2021, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-telf tal-mandat tas-Sur Fernando Medina Maciel ALMEIDA CORREIA u tas-Sur José Maria DA CUNHA COSTA, membri tal-Kumitat tar-Reġjuni, kif ukoll bit-telf tal-mandat tas-Sur Pedro Miguel AMARO DE BETTENCOURT CALADO, is-Sur Rui Miguel DA SILVA ANDRÉ, is-Sur Luís Manuel DOS SANTOS CORREIA u s-Sur Paulo Jorge FRAZÃO BATISTA DOS SANTOS, membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni[1].

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istat Membru rispettiv.

[1] 6809/21, 13163/21 u 13166/21.

3. F’konformità ma’ dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Fernando Medina Maciel ALMEIDA CORREIA u tas-Sur José Maria DA CUNHA COSTA, il-Gvern Portugiż ippropona[2] lir-rappreżentanti li ġejjin ta’ korpi lokali, li għandhom mandat elettorali ta’ awtorità lokali, bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta’ Jannar 2025: Is-Sur Luís Miguel CORREIA ANTUNES, *Presidente da Câmara Municipal da Lousã* (Sindku ta' Lousã) (qabel kien membru supplenti għall-perijodu 2020-2025 u għalhekk post addizzjonali ta’ membru supplenti ser isir vakanti wara l-ħatra tiegħu bħala membru), u s-Sur José Manuel PEREIRA RIBEIRO, *Presidente da Câmara Municipal de Valongo* (Sindku ta' Valongo).

4. Għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Pedro Miguel AMARO DE BETTENCOURT CALADO, is-Sur Luís Miguel CORREIA ANTUNES, is-Sur Rui Miguel DA SILVA ANDRÉ, is-Sur Luís Manuel DOS SANTOS CORREIA u s-Sur Paulo Jorge FRAZÃO BATISTA DOS SANTOS, il-Gvern Portugiż ippropona lis-Sur Pedro Alexandre ANTUNES FAUSTINO PIMPÃO DOS SANTOS, *Presidente da Câmara Municipal de Pombal* (Sindku ta' Pombal), is-Sur Rogério Conceição BACALHAU COELHO, *Presidente da Câmara Municipal de Faro* (Sindku ta' Faro), is-Sur Gonçalo Nuno BÉRTOLO GORDALINA LOPES, *Presidente da Câmara Municipal de Leiria* (Sindku ta' Leiria), u s-Sur Luís Carlos PITEIRA DIAS, *Presidente da Câmara Municipal de Vendas Novas* (Sindku ta' Vendas Novas), rappreżentanti ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta’ awtorità lokali, kif ukoll lis-Sur Rogério DE ANDRADE GOUVEIA, *Secretário Regional das Finanças do Governo Regional da Madeira* (Segretarju Reġjonali tal-Finanzi tal-Gvern Reġjonali ta’ Madeira), rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta’ awtorità lokali, bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta’ Jannar 2025.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 7617/22 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

[2] 7356/22.